MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Frar, 2011

Numru 197/2010

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

vs

Mario Cachia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta numru ta' identita' 426454(M), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fid-9 ta' Gunju 2007 jew f'xi perjodu qabel, weghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex iggieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta influwenza mhux xierqa sabiex igieghel persuna tesercita dik l-influwenza. Mill-istqarrija volontarja rilaxxjata mill-imputat, mhux kontradetta, u li allura tikkostitwixxi prova univoka jirrizulta li l-imputat hallas ammont sabiex jghaddi bord. F'dan il-kawz il-fatt li hu hallas xi flus biex jottjeni gwadann sabiex tigi esercitata influwenza hi x'inhi ghall-otteniment ta' dak il-gwadann hu bizzejjed biex jeradika l-htija taht l-Artikolu 121A tal-Kap 9.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat, liema ammissjoni hija wahda volontarja u inkondizjonata.

Rat l-Artikolu 121, 121A tal-Kap 9.

Tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' tmintax-il xahar mill-lum.

Il-Qorti spjegat ir-responsabbilitajiet lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------